

Brussell, 20 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14518/23

ENER 564

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 634 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Pjan SET)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 634 final.

Mehmuż: COM(2023) 634 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.10.2023
COM(2023) 634 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (il-Pjan
SET)**

Dan il-kuntest ġdid ta' politika jissottolinja l-hteġa li jiżdiedu r-reżiljenza, l-awtonomija u l-kompetittività tas-sistema Ewropea tal-enerġija u l-ktajjen tal-provvista tagħha, bl-użu ta' soluzzjonijiet ċirkolari u ċċentriati fuq il-bniedem, fil-limiti planetarji tagħna.

2. IL-PRIJORITAJIET, IL-KISBIET U D-DIREZZJONIJIET IL-ĠODDA TAL-PJAN SET

Permezz tal-14-il grupp ta' ħidma għall-implimentazzjoni¹² (IWGs) tagħha u l-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni (ETIPs) relatati, l-attivitajiet tal-Pjan SET iffokaw fuq is-sitt prijoritajiet tad-dimensjoni tar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività tal-Unjoni tal-Enerġija. Din it-taqsimha tqis il-kisbiet tal-Pjan SET u tidentifika direzzjonijiet ġodda.

Prijorità 1: Li ssir l-ewwel fid-dinja fl-enerġija rinnovabbli

Taħt din il-prijorità, il-Pjan SET identifika żewġ azzjonijiet: l-integrazzjoni tat-teknoloġiji rinnovabbli fis-sistemi tal-enerġija (azzjoni 1) u t-tnaqqis tal-kostijiet ta' dawn it-teknoloġiji (azzjoni 2). Il-prijorità ġiet implimentata permezz ta' ħames IWGs dwar teknoloġiji speċifiċi tal-enerġija rinnovabbli.

Il-ħidma tal-Pjan SET dwar l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta¹³ pprovdiet pjattaforma għall-iffissar tal-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni u għenet biex il-komunità tal-Pjan SET tiġi kkoordinata mal-Programm ta' Kollaborazzjoni fit-Teknoloġija tal-AIE dwar ir-riħ. Fil-qasam tal-**fotovoltaġka solari (PV)**¹⁴, il-Pjan SET għen biex jiġu allinjati l-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti, u b'hekk ikkontribwixxa għal progress teknoloġiku sinifikanti lejn l-aktar ċellola solari effiċjenti fid-dinja sal-lum. Il-Pjan SET ifforma ħafna riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija **ġeotermika profonda**¹⁵, pereżempju dwar it-tnaqqis tal-kostijiet, permezz ta' tekniki avvanzati ta' tħaffir u ta' tlestija tal-bjar. Il-fluss tax-xogħol tal-enerġija **mill-oċeani**¹⁶ tal-Pjan SET ispira l-istrateġija tal-UE għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta¹⁷ u għen fil-formolazzjoni ta' gwida biex jiġi stabbilit fond ta' assigurazzjoni u garanzija għall-varar ta' proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira. Barra minn hekk, il-Pjan SET ispira l-biċċa l-kbira tas-suġġetti **termali solari kkonċentrati**¹⁸ fil-programmi tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020¹⁹ u Orizzont Ewropa²⁰. Dan wassal it-teknoloġija mhux biss għall-produzzjoni tal-enerġija, iżda anke għal applikazzjonijiet innovattivi bħas-sħana solari għall-proċessi industrijali u għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.

Il-ħolqien tas-Sħubija Ewropea għat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa²¹ taħt Orizzont Ewropa huwa eżempju ta' kooperazzjoni transsettorjali tal-UE b'suċċess permezz tal-Pjan SET. Bis-saħħa tas-Sħubija, EUR 500 miljun f'finanzjament nazzjonali nġabru biex jappoġġaw il-

¹² https://setis.ec.europa.eu/implementing-actions_en

¹³ [IWG Wind Energy - IP.pdf \(europa.eu\)](#)

¹⁴ [Pjan SET TWP Pjan ta' Implimentazzjoni tal-PV \(europa.eu\)](#)

¹⁵ [Implementation plan on deep geothermal energy.pdf \(europa.eu\)](#)

¹⁶ [SET Plan OĊEAN ENERGY Implementation plan.pdf \(europa.eu\)](#)

¹⁷ COM (2020)741, 19.11.2020

¹⁸ [Inizjattiva għat-Tmexxija Globali fit-Teknoloġiji Termali Solari Kkonċentrati \(europa.eu\)](#)

¹⁹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-2020_en

²⁰ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe_en

²¹ <https://cetpartnership.eu/>

prijoritajiet maqbula b'mod konġunt tar-riċerka u l-innovazzjoni, sitt darbiet aktar milli taħt Orizzont 2020. Dan juri l-potenzjal tal-Pjan SET għall-ingranaġġ tal-finanzjament pubbliku biex jiġu appoġġati objettivi komuni. Dawn l-attivitajiet konġunti mal-Istati Membri huma komplementari għall-attivitajiet ifffinanzjati mill-programm Orizzont Ewropa fil-qasam tal-enerġija, b'mod partikolari fi ħdan il-Cluster 5 (oqsma tal-klima, l-enerġija u l-mobbiltà) u l-Cluster 4 (oqsma tal-industrija u diġitali).

Il-Pjan SET rivedut se jkollu l-għan li jippermetti lill-UE ssir mexxejja globali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli u li żżid il-kapaċità tal-manifattura tal-UE għat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa f'konformità mal-ambizzjoni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, sabiex tirdoppja - b'mod reżiljenti u kompetittiv - is-sehem kurrenti ta' għana tal-enerġija rinnovabbli biex tilħaq mill-anqas 42,5 % sal-2030, b'teknoloġija innovattiva tal-enerġija rinnovabbli li tirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-kapaċità installata ġdida tal-enerġija rinnovabbli.

Barra minn hekk, il-Pjan SET rivedut se:

- Jestendi l-attivitajiet tiegħu biex jinkludi l-enerġija eolika fuq l-art u t-teknoloġiji ġeotermiċi b'temperatura baxxa (anqas minn 125 °C) u medja (125-225 °C), li żviluppaw sostanzjalment minn meta tnedja l-Pjan SET iżda li għadhom jirrikjedu r-riċerka u l-innovazzjoni biex jinżamm il-vantaġġ kompetittiv tal-UE.
- Jistabilixxi IWG ġdid dwar l-idroġenu biex tiġi implimentata l-aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-proġett pilota tal-ERA dwar l-idroġenu ekoloġiku²² f'konformità mas-Sħubija dwar l-Idroġenu Nadif u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni li jappoġġaw il-“proġett pilota tal-ERA dwar l-idroġenu ekoloġiku”²³.
- Jibni fuq il-ħidma tal-IWGs tal-Pjan SET dwar il-fotovoltajċi u l-enerġija solari kkonċentrata, biex iwettaq aġenda strateġika konġunta tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-enerġija solari²⁴ li tinkludi l-fotovoltajċi, l-enerġija termali solari kkonċentrata u l-enerġija termali solari mhux ikkonċentrata.

Prijorità 2: It-tweġiq ta' sistema tal-enerġija intelliġenti u ċċentrata fuq il-konsumatur

Taħt din il-prijorità, il-Pjan SET identifika żewġ azzjonijiet, waħda ffokat fuq teknoloġiji u servizzi ġodda għall-konsumaturi (azzjoni 3) u l-oħra fuq ir-reżiljenza u s-sigurtà tas-sistemi

²² Gruppi tal-esperti tal-proċess tal-aġenda (2022), Strategic Research and Innovation Agenda, Key findings and conclusions of the agenda process for the European research and innovation initiative on green hydrogen, Verżjoni finali (https://www.bmbf.de/bmbf/shareddocs/downloads/files/SRIA_green_hydrogen.pdfhttps://www.bmbf.de/bmbf/shareddocs/downloads/files/SRIA_green_hydrogen.pdf).

²³ Il-bini ta' Żona Ewropea tar-Riċerka għall-idroġenu nadif - ir-rwol tal-investimenti tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni biex titwettaq l-Istrateġija tal-UE dwar l-Idroġenu. SWD(2022) 15 final, 20.1.2022

²⁴ Ara l-Istrateġija tal-Enerġija Solari tal-UE COM/2022/221 final

tal-enerġija (azzjoni 4). Il-prijorità ġiet implimentata permezz ta' tliet IWGs dwar is-sistemi tal-enerġija²⁵, id-distretti b'enerġija pożittiva²⁶ u l-kurrent dirett b'vultaġġ għoli²⁷.

Il-Pjan SET għen biex jiġu allinjati l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u daww nazzjonali dwar **sistemi tal-enerġija intelliġenti u integrati** permezz tal-IWG għas-sistemi tal-enerġija u l-Pjattaforma Ewropea tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għan-Networks Intelliġenti għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija (ETIP SNET). Din tal-aħħar appoġġat it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Il-Pjan SET żviluppa approċċ integrat għal **distretti b'enerġija pożittiva**²⁸ inklużi perspettivi teknoloġiċi, spazjali, regolatorji, finanzjarji, legali, ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Il-kollaborazzjoni bejn l-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta tal-Ewropa Urbana, il-partijiet ikkonċernati ewlenin u l-Kummissjoni wasslet biex is-Sħubija ta' Tranżizzjoni Urbana Mexxejja tiġi kkofinanzjata taħt Orizzont Ewropa.

Mill-2021, il-Pjan SET kien qed jagħti importanza akbar lill-iżvilupp u lid-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji b'kurrent dirett (DC), li jibdew b'teknoloġiji b'**kurrent dirett b'vultaġġ għoli** għal konnessjonijiet lil hinn mill-kosta u fuq l-art b'potenza għolja.

Il-Pjan SET rivedut se jaċċellera l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u flessibbli biex tiġi ottimizzata l-grilja eżistenti, b'mod partikolari r-rispons għad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, li l-użu tagħhom se jkun appoġġat mir-riforma proposta tad-disinn tas-suq tal-elettriku²⁹. Dawn is-soluzzjonijiet se jgħinu biex jiżied is-sehem tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli³⁰ integrata fil-grilja biex tilħaq mill-anqas 65 % sal-2030. Il-Pjan SET se jaċċellera wkoll l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi li jipprovdu sigurtà, stabbiltà u reżiljenza ċibernetika għas-sistema tal-enerġija biex jgħinuha tlaħħaq mal-probabbiltà dejjem akbar ta' tfixkil xprunat mill-klima u theddid estern xprunat mill-bniedem.

Fil-livell lokali, is-soluzzjonijiet il-ġodda li jirriżultaw mill-Pjan SET rivedut se jappoġġaw lill-iblijiet biex jaċċelleraw it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom, u jikkontribwixxu għall-objettiv tal-Missjoni dwar il-Blijet Newtrali għall-Klima u Intelligenti³¹ ta' mill-anqas 100 belt newtrali għall-klima u intelliġenti sal-2030. Il-Pjan SET rivedut se jestendi wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri teknoloġiji b'kurrent dirett b'vultaġġ baxx u medju (LVDC u MVDC) biex jittieħed vantaġġ mill-mikrogrilji tal-LVDC fil-bini, fil-faċilitajiet industrijali, fiċ-ċentri tad-*data* u fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Dan se jnaqqas l-għadd ta' konvertituri (AC/DC u DC/AC) u se jtejjeb l-effiċjenza tal-materjal u tal-enerġija f'applikazzjonijiet fejn il-biċċa l-kbira tat-tagħmir elettriku jaħdem b'kurrent dirett.

²⁵ [SET Plan ENERGY SYSTEMS Implementation plan.pdf \(europa.eu\)](#)

²⁶ [Distretti b'enerġija pożittiva \(europa.eu\)](#)

²⁷ https://setis.ec.europa.eu/system/files/2022-02/SETPlan_HVDC_DC_Tech_ImplementationPlan_Final.pdf

²⁸ [Distretti b'enerġija pożittiva \(europa.eu\)](#)

²⁹ COM(2023) 148 final.

³⁰ COM(2020) 562 final.

³¹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/eu-missions-horizon-europe/climate-neutral-and-smart-cities_en

Prijorità 3: L-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi effiċjenti fl-enerġija

Taħt din il-prijorità, l-azzjonijiet tal-Pjan SET iffokaw fuq materjali u teknoloġiji ġodda għall-bini³² (azzjoni 5) u l-effiċjenza enerġetika għall-industrija³³ (azzjoni 6). Il-prijorità ġiet implimentata permezz ta' żewġ IWGs dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-industrija.

L-IWG dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini wettaq mijiet ta' proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni reġjonali, nazzjonali u madwar l-UE kollha fis-settur tal-bini f'dawn l-aħħar snin. Il-pjan ta' implimentazzjoni tal-IWG għen biex jiġi identifikat l-ambitu tas-sħubijiet tal-Built4People³⁴, tat-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa³⁵ u tat-Tmexxija tat-Tranżizzjonijiet Urbani³⁶ appoġġati minn Orizzont Ewropa. L-IWG jaħdem ukoll mill-qrib mas-Sħubija Processes4Planet³⁷.

Sabiex jgħin fiż-żieda tal-effiċjenza enerġetika fl-industrija, il-Pjan SET inizjalment iffoka fuq żewġ setturi intensivi fl-enerġija (tal-azzar u tas-sustanzi kimiċi) u żewġ oqsma trażversali (l-integrazzjoni tas-sistema, u t-tisħin u t-tkessiħ). Il-pajjiżi involuti f'dan l-IWG qablu dwar prijoritajiet u miri komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, li kienu riflessi fil-prijoritajiet ta' finanzjament stabbiliti fil-programmi ta' ħidma tar-Raggruppament 5 ta' Orizzont Ewropa³⁸. L-IWG iffaċilita wkoll id-djalogu fost il-manifatturi tal-azzar, u b'hekk ikkontribwixxa għall-ħolqien tas-Sħubija dwar l-Azzar Nadif.

Fl-2021, l-atturi tal-Pjan SET adottaw miri aktar stretti dwar il-klima u ċ-ċirkolarità u inkludew żewġ setturi industrijali addizzjonali (tas-siment, u tal-polpa u l-karta) fl-attivitajiet tal-Pjan SET, li wittew it-triq għal integrazzjoni akbar bejn is-setturi industrijali, il-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, u t-teknoloġiji tal-ħżin.

Il-Pjan SET rivedut se jiżviluppa modi innovattivi u kosteffettivi biex jikkontribwixxi għal mill-anqas id-doppju tar-rata annwali ta' rinnovazzjoni tal-bini bejn l-2020 u l-2030 u biex jagħmel il-bini kollu ġdid u eżistenti b'emissjonijiet żero sal-2030 u l-2050 rispettivament, f'konformità mar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija³⁹. Il-prijoritajiet tiegħu tar-riċerka u l-innovazzjoni se jgħinu wkoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-industrija b'25 % sal-2030⁴⁰ u se jgħinu biex tintlaħaq il-mira indikattiva li jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur industrijali b'1,6 % fis-sena sal-2030⁴¹. Il-prijoritajiet tal-Pjan SET dwar l-effiċjenza enerġetika se jkunu allinjati u mmirati lejn it-tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-enerġija primarja u finali⁴².

Il-Pjan SET rivedut ukoll se:

- jwessa' l-ambitu tal-IWG dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini biex il-pompi tas-sħana jingħataw aktar prominenza, u b'hekk jgħin fl-espansjoni tal-kapaċità tal-innovazzjoni u

³² https://setis.ec.europa.eu/system/files/2021-02/set_plan_buildings_implementation_plan.pdf

³³ [EE-in-industry_Implementation-Plan_Rev2021_Final-Endorsed.pdf \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/energy/eia/ee-in-industry_implementation-plan_rev2021_final-endorsed.pdf)

³⁴ [Built4People \(ectp.org\)](https://built4people.org)

³⁵ <https://cetpartnership.eu/>

³⁶ <https://dutpartnership.eu/>

³⁷ <https://www.aspire2050.eu/p4planet/about-p4planet>

³⁸ Pereżempju, dwar il-ġestjoni tas-sħana u tal-kesħa industrijali.

³⁹ COM(2021) 802 final.

⁴⁰ Meta mqabbla mal-2015 - COM(2020) 562 final.

⁴¹ COM(2021) 557 final

⁴² Id-Direttiva 2023/1791 tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li temenda r-Regolament 2023/955 (riformulazzjoni)

tal-manifattura tal-UE għal dawn it-teknoloġiji, li minnhom l-introduzzjoni trid tirdoppja fis-settur tal-bini biex tilħaq 10 miljun unità kumulattivi matul il-5 snin li ġejjin.

- jwessa' l-ambitu tal-IWG dwar l-effiċjenza enerġetika fl-industrija u jħaffef l-iżvilupp, l-integrazzjoni, l-ittestjar u l-validazzjoni ta' teknoloġiji ewlenin għal industriji kompetittivi, newtrali għall-klima u intensivi fl-enerġija bi tniġġis zero qabel l-2030, u jibni fuq il-pjan direzzjonali tat-teknoloġija industrijali tal-ERA għal teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'industriji intensivi fl-enerġija u l-immappjar ta' dimostraturi industrijali.

Prijorità 4: Id-diversifikazzjoni u t-tisħiħ tal-għażliet tal-enerġija għat-trasport sostenibbli

Skont din il-prijorità, l-azzjonijiet tal-Pjan SET iffokaw fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE fis-settur globali tal-batteriji għall-mobbiltà elettronika u l-ħżin stazzjonarju⁴³ (azzjoni 7) u l-fjuwils rinnovabbli u l-bijoenerġija⁴⁴ (azzjoni 8), bl-IWGs dwar il-batteriji u l-fjuwils rinnovabbli u l-bijoenerġija.

Il-Pjan SET ħoloq Batteries Europe⁴⁵, li tiġbor flimkien lil aktar minn 700 parti kkonċernata fl-ekosistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-batteriji biex tiġi żviluppata **katina tal-valur tal-batteriji** sostenibbli u kompetittiva fl-Ewropa. Din wittiet it-triq għas-sħubija koprogrammata BATT4EU taħt Orizzont Ewropa⁴⁶. L-attivitajiet tal-Pjan SET ipprovdew għarfien aktar profund dwar l-approċċ tal-katina tal-valur għall-**fjuwils rinnovabbli u l-bijoenerġija**, li huwa ta' importanza partikolari f'dan il-qasam.

Il-Pjan SET rivedut se:

- jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi tal-enerġija u tat-trasport rinnovabbli, effiċjenti u interkonnessi 100 % biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2030 u l-2050 u l-miri rispettivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-Liġi dwar il-Klima tal-UE kif ukoll skont ir-regolamenti ReFuelEU Aviation⁴⁷ u FuelEU Maritime⁴⁸.
- jsaħħaħ il-katina tal-valur Ewropea tal-manifattura tal-batteriji, inkluż l-akkwist domestiku ta' materja prima u ta' materjali avvanzati kif ukoll l-użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà, biex tinkiseb l-awtosuffiċjenza sal-2030.
- jaħdem aktar ma' Batteries Europe biex jappoġġa l-monitoraġġ tal-katina tal-valur tal-batteriji.
- jindirizza teknoloġiji innovattivi tal-ħżin lil hinn mill-batteriji elettrokimiċi.

Prijorità 5: L-ixprunar tal-ambizzjoni fil-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju

⁴³ https://setis.ec.europa.eu/system/files/2021-05/set_plan_batteries_implementation_plan.pdf

⁴⁴ https://setis.ec.europa.eu/system/files/2021-07/setplan_bioenergy_implementationplan.pdf

⁴⁵ Batteries Europe hija l-parti tal-pjattaforma tat-teknoloġija u l-innovazzjoni tal-[Alleanza Ewropea tal-Batteriji](#)

⁴⁶ <https://bepassociation.eu/>

⁴⁷ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX%3A52021PC0561>

⁴⁸ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/PE-26-2023-INIT/mt/pdf>

Taħt din il-prijorità, l-azzjoni 9 tal-Pjan SET iffokat fuq il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u fuq il-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU)⁴⁹.

Il-Pjan SET kien ta' suċċess kbir fil-mobilizzazzjoni ta' aktar pajjiżi u partijiet ikkonċernati biex jaħdmu fuq is-CCUS. Il-kondiviżjoni tal-għarfien u ż-żieda fl-effiċjenza li jirriżultaw kienu ta' benefiċċju għal proġetti ta' dimostrazzjoni u fuq skala sħiħa, pereżempju fl-industrija tas-siment⁵⁰. Ir-riżultati miksuba taħt din l-azzjoni jservu bħala referenza għall-varar rapidu ulterjuri tas-CCS u tas-CCU kif ippreżentat fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti.

Il-Pjan SET rivedut se jallinja l-miri u l-attivitajiet max-xenarju l-ġdid tal-politika dwar l-enerġija u l-klima, b'mod partikolari l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-pilastru industrijali tal-Komunikazzjoni dwar iċ-Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli kif ukoll l-istrateġija li jmiss tal-UE għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS). Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tiegħu, il-Pjan SET rivedut irid jappoġġa azzjoni pubblika-privata kkoordinata mmirata lejn l-iżvilupp ta' każijiet kummerċjali u mudelli ta' kooperazzjoni għall-ktajjen tal-valur emerġenti tal-qbid, il-ħżin jew l-użu tal-karbonju (inkluża l-evalwazzjoni prekompetittiva tal-għażliet ta' ħżin fuq skala reġjonali u nazzjonali), b'appoġġ għall-operazzjoni ekonomika ta' mill-anqas 50 miljun tunnellata ta' kapaċità annwali ta' injezzjoni tas-CO₂ sal-2030, kemm f'akwiferi salini kif ukoll f'kampijiet ta' idrokarburi eżawriti fl-UE.

Prijorità 6: Iż-żamma u t-tisħiħ tas-sikurezza fl-użu tal-enerġija nukleari

Taħt din il-prijorità, l-azzjonijiet tal-Pjan SET iffokaw fuq is-sikurezza nukleari matul l-operat u d-dekummissjonar (azzjoni 10) bi fluss tax-xogħol relatat⁵¹.

Il-Pjan SET ipprova pjattaforma ta' dialogu għall-Istati Membri li jużaw jew li huma lesti li jużaw teknoloġiji nukleari fit-taħlita tal-enerġija tagħhom jew f'applikazzjonijiet oħrajn (pereżempju, il-mediċina nukleari⁵²). Il-kooperazzjoni fil-Pjan SET wasslet ukoll għall-Programm Konġunt tal-EERA dwar il-Materjali Nukleari⁵³, li għandu l-għan li jtejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tal-pjanti, kif ukoll il-kwalifika għal sistemi avvanzati ta' fissjoni u fużjoni nukleari. Il-Pjan SET appoġġa wkoll sħubijiet Ewropej ikkofinanzjati li għadhom għaddejnin u li huma ppjanati⁵⁴.

Il-Pjan SET rivedut se jgħin biex tinżamm u tissaħħaħ is-sikurezza tal-enerġija nukleari, filwaqt li titqies ukoll l-ambizzjoni ddikjarata ta' 14-il Stat Membru⁵⁵ (Alleanza Nukleari⁵⁶) li jipprovdu sa 150 GW ta' kapaċità tal-elettriku sal-2050 fl-UE (minn madwar 100 GW tal-lum). Dan huwa

⁴⁹ https://setis.ec.europa.eu/system/files/2021-04/set_plan_ccus_implementation_plan.pdf

⁵⁰ <https://www.leilac.com/project-leilac-2/>

⁵¹ https://setis.ec.europa.eu/implementing-actions/nuclear-safety_en#documents

⁵² [Pjan ta' Azzjoni SAMIRA \(europa.eu\)](https://www.europa.eu)

⁵³ <http://www.eera-jpnm.eu/>

⁵⁴ Immaniġġjar, rimi ġeoloġiku, u d-dekummissjonar (EURAD) tal-iskart radjuattiv; Materjali nukleari biex jittejjeb s-sikurezza u l-effiċjenza tal-impjanti, u l-kwalifikazzjoni għal fissjoni nukleari avvanzata u sistemi ta' fużjoni; Protezzjoni mir-radjazzjoni (PIANOFORTE) li tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika għal Applikazzjonijiet Mediċi ta' Radjazzjoni Jonizzanti; Riċerka dwar il-fużjoni bl-EUROfusion.

⁵⁵ Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżvezja.

⁵⁶ https://www.ecologie.gouv.fr/sites/default/files/nuclear%20alliance%20statement_VEN.pdf

mistenni li jinvolvi mill-anqas minn 30 sa 45 reattur kbir b'binu ġdid u reattur modulari żgħir (SMRs).

Il-Pjan SET rivedut se jagħmel enfasi akbar fuq is-sikurezza tal-SMRs, id-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista, fuq iċ-ċentri industrijali u fuq it-trawwim tal-iżvilupp ta' ċentri ta' eċċellenza, kompetenzi u d-disponibbiltà ta' infrastrutturi tar-riċerka ta' klassi dinjija.

3. NAGĦMLU L-PJAN SET ADATTAT GĦALL-AMBIZZJONI L-ĠDIDA DWAR L-ENERĠIJA U L-KLIMA: L-INDIRIZZAR TA' KWISTJONIJIET TRASVERSALI

Il-prijoritajiet, l-azzjonijiet u l-IWGs riveduti tal-Pjan SET għandhom ikunu akkumpanjati minn prijoritajiet ġodda dwar kwistjonijiet trażversali biex jitħaffef l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji tal-enerġija nodfa u effiċjenti⁵⁷. Il-Pjan SET rivedut se jieħu approċċ tat-task force biex jindirizza l-kwistjonijiet trażversali li ġejjin:

Id-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għat-tranżizzjoni enerġetika peress li tista' ttejjeb il-prestazzjoni ta' ħafna partijiet tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas il-kostijiet tar-riċerka u tal-esperimenti permezz tal-virtwalizzazzjoni⁵⁸. L-iżgurar li assi aktar intelliġenti jkun jistgħu jikkomunikaw faċilment u joffru flessibbiltà se jkun importanti fl-ibbilanċjar tal-provvista u d-domanda tas-sistema tal-enerġija tagħna, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati u jitnaqqas it-trażżin tagħhom. Id-diġitalizzazzjoni se tkun kruċjali biex tiġi appoġġata l-flessibbiltà li l-industriji intensivi fl-enerġija jeħtieġu biex jirrispondu għal sfidi bħall-elettrifikazzjoni jew il-provvista volatili tal-enerġija. Is-soluzzjonijiet diġitali jstgħu jtejbju wkoll l-integrazzjoni tas-suq u jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

Il-Pjan SET rivedut se jappoġġa kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn iż-żoni diġitali u tal-enerġija fil-ktajjen tal-valur tat-teknoloġija strateġiċi kollha fil-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u dawk nazzjonali. Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni tal-UE għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, il-Kummissjoni se toħloq il-pjattaforma tal-“Ġbir tal-Innovaturi tal-Enerġija u Diġitali minn madwar l-UE” (GEDI EU) għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati tal-Pjan SET u ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI TEFs) stabbiliti taħt il-Programm Ewropa Diġitali li jiffokaw fuq l-enerġija.

Barra minn hekk, il-komunità tal-Pjan SET se tassisti lill-Kummissjoni fit-tnejjija ta' inizjattivi ta' politika dwar it-trasformazzjoni diġitali u sostenibbli tas-sistema tal-enerġija tal-UE.

Il-limiti planetarji jridu jiġu rrispettati billi jittejbju ċ-**ċirkolarità** (ir-riċiklabbiltà u l-użu mill-ġdid) u l-effiċjenza ta' **materjali** ta' enerġija nadifa u teknoloġiji u infrastrutturi oħrajn b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz ta' approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja (eż. żvilupp ta' materjali sostenibbli avanzati, u tnaqqis fil-konsum tal-materjal/tal-ilma fil-proċessi tal-produzzjoni) u billi jsir aktar investment fir-riċerka dwar is-sostituzzjoni tal-materjali biex tiġi

⁵⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, ir-rapport finali tal-evalwazzjoni interim tal-pjan SET, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 <https://data.europa.eu/doi/10.2777/939719>.

⁵⁸ COM (2022) 552 final - “Diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija – Pjan ta' azzjoni tal-UE”.

żgurata r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista Ewropej tal-enerġija nadifa. Il-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari jipproponi li jissaħħa ir-rwol tal-oġġettivi tal-ekonomija ċirkolari fir-reviżjonijiet futuri tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, filwaqt li jindika l-possibiltajiet ta' appoġġ skont ir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għall-iżvilupp u l-varar tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa u, fejn xieraq, f'politiki tal-klima oħrajn.

Il-Pjan SET rivedut se jappoġġa l-prinċipji taċ-ċirkolarità billi jintegra l-irkupru, ir-riċiklaġġ u s-sostituzzjoni ta' materja prima kritika fir-riċerka, fl-iżvilupp u fil-manifattura ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa.

Il-ħtiġijiet tas-soċjetà jridu jiġu rrispettati biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, xierqa u soċjalment aċċettabbli għal kulħadd bħala mezz biex jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u infrastrutturi tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (eż. permezz ta' fehim aħjar tat-tħassib tal-pubbliku bħall-faqar enerġetiku jew kwistjonijiet emerġenti relatati mas-saħħa u s-sikurezza għall-ħaddiema f'impjiegi "ekoloġiċi", u l-involviment u l-parteciġazzjoni akbar tagħhom).

Il-Pjan SET rivedut se jsegwi approċċ iċċentrat fuq l-utent billi jintegra kwistjonijiet bħas-saħħa, il-ġeneru, is-sikurezza, is-sigurtà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà kif ukoll il-ħtiġijiet tat-tixjiħ jew tal-konsumaturi b'diżabbiltà fl-azzjonijiet kollha.

It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xoġhol huma ta' importanza kbira biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tax-xoġhol ta' mudell ġdid tal-enerġija u tas-soċjetà. S'issa, 14-il Stat Membru⁵⁹ qed jinkludu investimenti u riformi fil-qasam tal-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali tagħhom li, flimkien, jammontaw għal madwar EUR 1,5 biljun⁶⁰. Riżorsi oħrajn li jappoġġaw il-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi huma allokati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+, EUR 5,8 biljun) u mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (EUR 3 biljun). Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jikkomplementa l-FSE+ b'investimenti fil-ħiliet, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluża l-infrastruttura (EUR 1,8 biljun). Orizzont Ewropa jipprovdi appoġġ immirat lil Akkademja Ewropea tal-Idroġenu, li tlaqqa' flimkien alleanza kbira ta' universitajiet u istituzzjonijiet. Il-Programm tas-Suq Uniku jinkludi appoġġ għal Akkademja Solari. Barra minn hekk, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) tiegħu li joperaw f'diversi oqsma, bħall-enerġija, il-materja prima u l-klima, joffru firxa wiesgħa ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ b'komponent qawwi ta' intraprenditorija u innovazzjoni. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-programmi diġà huma disponibbli fil-Kampus tal-EIT⁶¹ u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' talent teknoloġiku profond⁶².

⁵⁹ Il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Irlanda, l-Estonja, il-Litwanja, ir-Rumanija, in-Netherlands, Ċipru, il-Finlandja u d-Danimarka.

⁶⁰ Iċ-ċifri fit-18 ta' Awwissu 2023. Dawn huma bbażati fuq il-metodoloġija tat-tikkettar tal-pilastru għat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jikkorrispondu għall-miżuri allokati għall-qasam ta' politika "Ħiliet u impjiegi ekoloġiċi" bħala qasam ta' politika primarju jew sekondarju.

⁶¹ <https://eit-campus.eu/>

⁶² <https://www.eitdeeptechtalent.eu/>

Minkejja dawn il-fondi disponibbli fil-livell Ewropew, l-investiment fil-ħiliet jeħtieġ li jiġi ffinanzjat prinċipalment minn investimenti pubbliċi u privati oħrajn, u l-finanzjament kurrenti ma huwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet.

Il-Kummissjoni tteġġeg bil-qawwa lill-pajjiżi tal-Pjan SET biex jinvolvu ruħhom fis-šhubija l-ġdida tal-UE dwar il-ħiliet fuq skala kbira għall-enerġija rinnovabbli fuq l-art skont il-Patt għall-ħiliet u biex iqisu l-possibbiltajiet għall-finanzjament mill-programmi tal-FSE+, tal-FEŻR u tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, jekk rilevanti u f'konformità mal-oġettivi tal-programmi.

Il-Pjan SET rivedut se jappoġġa l-Akkademji Ewropej tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti mħabbra fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti⁶³, billi jibni fuq l-esperjenza tal-Akkademja Ewropea tal-Batteriji⁶⁴. Kull akkademja se jkollha l-għan li tħarreġ 100 000 persuna fl-ewwel 3 snin tagħhom.

Biex jappoġġaw l-irkupru tal-Ewropa u jżidu l-kompetittività u t-tmexxija globali tagħhom fit-teknoloġija, l-attivitajiet tal-Pjan SET iridu **jaċċelleraw l-adozzjoni mis-suq** tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan ifisser l-integrazzjoni tal-proċessi industrijali, tal-ħtiġijiet tal-manifattura u tal-kostijiet tagħhom fl-iżvilupp tat-teknoloġija. Sabiex titħaffef l-adozzjoni tas-suq, l-innovaturi u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija għandhom ikunu jistgħu jittestjaw il-kapaċità ta' manifattura tal-prodott tagħhom b'mod effiċjenti u rapidu f'infrastruttura tat-teknoloġija professjonali u aċċessibbli u jirċievu rekord ta' qabel iċ-ċertifikazzjoni u valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Dan se jgħin lill-investituri potenzjali jieħdu deċiżjonijiet informati abbażi tal-potenzjal tal-manifattura u l-konformità ma' regolamenti eżistenti. Ladarba jiġu stabbiliti, ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja proposti fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se jkunu appoġġ ewlieni kemm għall-innovaturi, għall-iżviluppaturi kif ukoll għall-investituri. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet ukoll għodda abilitanti f'dan il-qasam, fejn ġew inklużi miżuri li jammontaw għal EUR 15-il biljun fi Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali li jindirizzaw ir-riċerka u l-innovazzjoni lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u l-ekonomija ċirkolari.

Il-Pjan SET rivedut se jikkondividi l-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet regolatorji, filwaqt li jikkoordina mal-Pjattaforma għal Ewropa b'Emissjonijiet Żero Netti fejn għandu jiġi rrappreżentat. Dan se jidentifika l-ħtiġijiet għall-infrastrutturi tat-teknoloġija u l-fattibbiltà tagħhom fl-UE, b'rabta mal-approċċ Ewropew għall-infrastrutturi tat-teknoloġija skont l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Il-Pjan SET rivedut se jiżviluppa rabtiet b'saħħithom bejn l-ETIPs u l-alleanzi industrijali (l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza Ewropea tal-Idroġenu Nadif u l-Alleanza tal-Industrija tal-PV solari), biex jipromwovi l-iżvilupp ta' proġetti ta' investiment vijabbli u l-kapaċità tal-manifattura f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa fl-UE, u biex jiġu indirizzati l-ostakli tas-suq, regolatorji, infrastrutturali u teknoloġiċi għall-varar fuq skala kbira tagħhom.

⁶³ Eż. teknoloġiji fotovoltaġi solari u termali solari, teknoloġiji tal-idroġenu rinnovabbli u materja prima

⁶⁴ L-Akkademja Ewropea tal-Batteriji hija mmexxija mill-InnoEnergy, Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni (KIC) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

Il-Pjan SET rivedut għandu **jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari biex iżid l-innovazzjonijiet**. Fl-2021, l-UE nefqet EUR 328 biljun fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, li jirrappreżentaw 2,26 % tal-PDG⁶⁵. Dan il-proporzjon kien ferm anqas minn dak tal-Ġappun (3,26 %) u dak tal-Istati Uniti (3,45 %). B'mod ċar, għad jeħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex tintlaħaq il-mira tan-nefqa pubblika u privata tal-UE ta' 3 % tal-PDG⁶⁶. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri żiedu l-investimenti pubbliċi tagħhom fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija, bħala proporzjon tal-PDG dawn l-investimenti fl-2021 kienu taħt il-livelli ta' qabel l-2016. Fir-rigward tal-investimenti privati, dawn kienu proporzjonalment aktar baxxi mill-ekonomiji kompetituri ewlenin bħaċ-Ċina, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel. B'19 % tal-investimenti globali ta' Kapital ta' Riskju f'ditti tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa, l-UE kklassifikat fit-tielet post fl-2022, wara l-Istati Uniti u ċ-Ċina⁶⁷.

Dan jissottolinja l-ħtieġa li tintuża l-firxa sħiħa ta' strumenti finanzjarji pubbliċi tal-UE (bħal għotjiet, self u kważi ekwità), inkluża l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa⁶⁸ (STEP) ġdida, biex jiġi ingranat il-kapital privat (eż. minn fondi ta' investiment, banek u fondi tal-pensjonijiet) għall-prijoritajiet tal-Pjan SET sabiex jiġu mmassimizzati l-ammont, il-kwalità u l-impatt tal-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u jitħaffef il-varar. Għandu jsir l-aħjar użu minn strumenti li jnaqqsu d-distakk bejn l-investiment tas-settur pubbliku u dak privat, bħall-Prodott ta' Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Prodott ta' Ekwità Konġunta taħt InvestEU⁶⁹ u Breakthrough Energy Catalyst⁷⁰. L-ETIPs tal-Pjan SET huma f'pożizzjoni tajba biex jidentifikaw ostakli potenzjali u jirrakkomandaw soluzzjonijiet possibbli biex jiġu ingranati investimenti privati u pubbliċi bħal dawn.

L-ambitu u l-attivitajiet tal-Pjan SET huma konformi ħafna ma' dawk tal-Fond għall-Innovazzjoni, li huwa l-istrument ewlieni ta' finanzjament tal-UE għall-varar ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-oqsma tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, is-CCUS (il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju), l-industriji intensivi fl-enerġija, il-mobbiltà u l-bini b'emissjonijiet zero netti. Għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-Pjan SET u l-Fond għall-Innovazzjoni. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet ta' koordinazzjoni ffinanzjati mill-Clusters 4 u 5 ta' Orizzont Ewropa fl-oqsma ewlenin tal-Fond għall-Innovazzjoni se jiġu mnedija kmieni fl-2024.

Is-Sħubija għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa se tkun strumentali għall-ambitu estiż tal-Pjan SET rivedut, peress li se tappoġġa r-rabtiet bejn l-istrumenti ta' finanzjament u ttejjeb l-aċċess għas-suq tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa. L-Alleanza Ewropea għar-Riċerka fl-Enerġija se tikkomplementa l-ħidma tas-Sħubija billi torganizza programmi konġunti bejn l-istituti tar-riċerka u l-akkademja.

⁶⁵ Sors: Eurostat

⁶⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023, [pdf \(europa.eu\)](#)

⁶⁷ Sors: Rapport ta' Progress dwar il-Kompetittività 2022

⁶⁸ https://commission.europa.eu/system/files/2023-06/COM_2023_335_1_EN_ACT_part1_v11.pdf

⁶⁹ [Fond InvestEU \(europa.eu\)](#)

⁷⁰ <https://breakthroughenergy.org/our-work/catalyst/>

L-atturi involuti fil-Pjan SET rivedut għandu jkollhom l-għan li jiżguraw appoġġ finanzjarju akbar għas-Sħubija għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa kkofinanzjata taħt Orizzont Ewropa, biex jappoġġaw l-ambizzjonijiet aktar b'saħħithom, inkluża kollaborazzjoni akbar bejn l-ETIPs taħt il-Forum tal-ETIPs⁷¹. Għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u komplementarjetajiet bejn l-attivitajiet tal-Pjan SET u l-Fond għall-Innovazzjoni.

Il-Kummissjoni tappella lill-pajjiżi tal-Pjan SET biex iżidu l-isforzi biex jonfqu 3 % tal-PDG tagħhom fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u biex irawmu l-espansjoni tal-innovazzjonijiet.

4. GOVERNANZA, MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

Il-Pjan SET se jeħtieġ li jġedded il-mudell ta' governanza tiegħu biex jilħaq l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tar-REPowerEU u tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li tizzied il-leġittimità tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET billi dan jiġi aġġornat għall-istatus ta' grupp ta' esperti, possibbilment bħala sottogrupp taħt iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-estensjoni tal-mandat tiegħu biex jipprovi direzzjonijiet strateġiċi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan SET. Tipproponi wkoll li jiġu stabbiliti task forces iddedikati u marbuta biż-żmien biex jiġu integrati kwistjonijiet trażversali fil-ħidma tal-Pjan SET u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni transsettorjali bejn l-IWGs tal-Pjan SET. Il-Kummissjoni se trawwem l-involvement tal-pajjiżi kollha tal-Pjan SET f'dan il-grupp ta' esperti u l-attivitajiet tagħhom għandhom jiġu kkoordinati mar-rappreżentanti ta' Orizzont Ewropa tal-Istati Membri tal-UE u l-Pajjiżi Assoċjati.

Permezz tas-sistema ta' informazzjoni tal-Pjan SET (SETIS), il-Kummissjoni se timmonitorja u tirrapporta b'mod sistematiku dwar il-progress u l-kisbiet tal-Pjan SET rivedut u se timmappa l-iżviluppi fix-xenarju Ewropew tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Din l-informazzjoni se tikkontribwixxi għar-rapportar annwali dwar l-Unjoni tal-Enerġija u se titqassam fil-konferenzi annwali tal-Pjan SET. Din l-informazzjoni se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fil-varar ta' teknoloġiji rinnovabbli innovattivi skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riveduta⁷².

Il-Pjan SET huwa essenzjali biex titwettaq il-ħames dimensjoni tal-Unjoni tal-Enerġija (riċerka, innovazzjoni u kompetittività)⁷³. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jinkludu objettivi nazzjonali li jirriżultaw mill-Pjan SET, kif ukoll aktivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima (NECPs), inkluż l-esplorazzjoni ta' sinerġiji bejn fondi u aktivitajiet nazzjonali rilevanti oħrajn⁷⁴. L-NECPs għandhom jivvalutaw ukoll l-adeqgatezza tal-finanzjament nazzjonali għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ta' din il-parti tal-NECPs, inkluż tar-rapporti ta' progress u l-aġġornamenti tagħhom, se tikkontribwixxi għall-valutazzjoni ġenerali tagħha tal-kisbiet tal-

⁷¹ Il-Forum tal-ETIPs jiżviluppa u jżomm djalogu regolari, kontinwu u strutturat bejn il-11-il ETIP.

⁷² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni), (*ĠUL 328, 21.12.2018, p. 82*).

⁷³ Ir-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (*ĠUL 328, 21.12.2018, p. 1*).

⁷⁴ [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022XC1229\(02\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52022XC1229(02))

Pjan SET. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kollaborazzjoni fil-livell nazzjonali bejn il-komunità tal-Pjan SET tagħhom u dawk l-atturi responsabbli mill-NECPs.

Fil-livell Ewropew, il-Pjan SET il-ġdid se jingħata rwol akbar fl-alimentazzjoni tar-rapporti ta' progress annwali dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa - għodda oħra tal-Unjoni tal-Enerġija. Għalhekk, dawn ir-rapporti annwali mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill huma mod importanti kif tiġi kondiviża l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan SET.

Il-Pjan SET għandu jsir ukoll l-għodda ewlenija għall-avvanz tar-riċerka dwar l-enerġija nadifa fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, speċjalment dwar kwistjonijiet trażversali bħall-ħiliet, iċ-ċirkolarità, l-aċċess għas-suq, id-diġitalizzazzjoni u r-rekwiżiti soċjali. Il-Kummissjoni se tiżgura skambju annwali bejn il-Pjan SET u l-Forum tal-ERA biex tivvaluta l-kisbiet reċiproċi u l-allinjament tal-attivitajiet. B'mod parallel, il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll l-iskambji bejn il-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET u r-rappreżentanti tal-gvern tal-Unjoni tal-Enerġija.

Il-Pjan SET għandu jkollu rwol prominenti fil-formazzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-enerġija u r-riċerka, b'mod partikolari l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti. Il-Pjan SET għandu jirrapporta regolarment dwar il-kisbiet tiegħu lill-Kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew u tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill. Livell oġhla ta' appoġġ politiku u impenn għall-Pjan SET se jiżgura konsistenza aħjar bejn diversi azzjonijiet nazzjonali, u se jimmobilizza u jamplifika aktar investimenti għar-riċerka u l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kontribut tal-Pjan SET għall-għanijiet tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, kif ukoll il-potenzjal tiegħu li jikkontribwixxi għal kompetittività industrijali aktar b'saħħitha u għal ktajjen tal-provvista Ewropej aktar reżiljenti, billi jtejjeb il-kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi involuti, l-industrija u l-istituzzjonijiet tar-riċerka.

Madankollu, l-oġettivi tal-Pjan SET, l-istruttura ta' governanza u l-IWGs jeħtieġ li jiġu riveduti jekk iridu jagħtu kontribut saħansitra akbar għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tar-REPowerEU u tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, u b'hekk titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u tiżdied il-kompetittività tal-UE.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-pajjiżi tal-Pjan SET, mal-Grupp ta' Tmexxija tal-Pjan SET u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn, inklużi atturi u task forces ġodda kif meħtieġ, biex tiżviluppa u twettaq l-azzjonijiet u l-miri l-ġodda.

Il-Kummissjoni tistieden lill-pajjiżi involuti kollha biex isaħħu l-parteċipazzjoni tagħhom u biex iżidu l-isforzi tagħhom fl-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet innovattivi ta' enerġija nadifa u l-iżvilupp u l-varar tagħhom, u li jikkontribwixxi aktar għall-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Pjan SET permezz ta' approċċ ta' programmazzjoni konġunta.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament biex jaqblu mat-tisħiħ tal-Pjan SET kif stabbilit f'din il-Komunikazzjoni.